# IL-GĦARGĦUR

Ir-raħal sabiħ tal-Għargħur huwa wieħed mill-irħula qodma ta' Malta. Dan ir-raħal jinsab imxaħxaħ fuq waħda mill-għoljiet ta' gżiritna u hu mdawwar bi kwantita' ta' widien u egħlieqi fertili li fihom insibu ħafna siġar li jħaddru matul is-sena kollha peress li huma msoqqija bl-ilma li jinżel mal-widien li semmejna. Nies li jiġu minn barra r-raħal tal-Għargħur iħobbu ħafna dan il-post għall-kampanja sabiħa ta' dan ir-raħal fejn jitgħaxxqu bil-ġmiel tan-natura u jgawdu l-arja safja ta' dan il-post.



Dwar l-isem ta' dan ir-raħal - GĦARGĦUR huwa sempliċiment taqsira tal-kelma GIRGOR jew GREGORI peress li żmien twil ilu f'dan ir-raħal kien hawn ħafna artijiet ta' propjeta' ta' dan is-sinjur li kien jismu Girgor. Sew fil-pjanti kif ukoll f'ħafna kuntratti qodma nsibu li dan ir-raħal kien jissemma bħala "CASA GREGORIO" jew RAĦAL GIRGOR u minn dan naraw li hemm xebħ kbir bejn Għargħur u Girgor.

L-Għargħurin huma nies mibrumin u ruxxana kif ukoll b'saħħithom peress li jgħixu dejjem f'arja safja. Huma wkoll nies ħabrieka li jirsistu f'kull tip ta' xogħol u b'hekk huma jżommu ruħhom dejjem okkupati.

Skond l-istorja, nsibu li dan ir-raħal kien dejjem mgħammar bin-nies u dawn in-nies kienu minn dejjem jaħdmu u jgħixu fir-raba' u fl-irziezet. Huma kienu wkoll ikabbru l-annimali li minnhom kienu jieħdu l-għixien tagħhom.

Dan ir-raħal fl-antik kien jifforma parti minn-Naxxar iżda peress li kien hawn nies biżżejjed biex jifforma raħal, dan ġie mifrud minn-Naxxar fl-1610 u ġiet iffurmata l-parroċċa tal-Għargħur. Bħala patrun intażgħel San Bartilmew Appostlu u f'ġieħu ġiet mibnija l-knisja parrokkjali li naraw illum. Ix-xogħol beda għal ħabta tas-sena 1615 u tlesta fl-1638. Il-perit kien Tumas Dingli. matul is-snin li damet tinbena l-knisja parrokkjali l-poplu Għargħuri kien juża l-knisja ta' San Ġwann l-Battista li tinsab maġenb iċ-ċimiteju.

Fir-raħal insibu ħafna toroq u sqaqien dojoq li jilwu l-hawn u 'l-hinn skond il-ħtieġa ta' dak iż-żmien. Matulhom naraw kwantita' ta' djar antiki li nbnew matul is-seklu li għaddew u dan jixhduh l-istili ta' bini ta' dawn iż-żminijiet għalkemm xi ftit minnhom sofrew xi tibdiliet li saru matul iż-żmien.

Ma' dan ir-raħal jagħmlu wkoll parti il-Madliena, il-Magħtab, il-Ġonna, Ġnien San Pawl u parti mix-Xwieki. Insibu wkoll partijiet tar-raħal fejn inbena bini modern. Dan juri li r-raħal qiegħed jikber u b'hekk qiegħed jiżdid fil-popolarita' kif qed jiġrilhom postijiet oħra.

Fir-raħal saru ħafna tibdiliet sew fid-djar kif ukoll fit-toroq speċjalment fil-Pjazza tar-raħal iżda dan tibdil sar kollu skond il-ħtiġijiet tal-mument.

Għalkemm dan ir-raħal għadda minn diversi żminijiet sew koroh kif ukoll sbieħ, il-poplu Għargħuri baqa' dejjem miexi l-quddiem jaħdem u jissielet mal-ħajja magħqud bejnietu, iħallat u jaqsam bħala poplu nisrani. Jalla dan li semmejt jibqa miexi 'l-quddiem fil-ġenerazzjonijiet li ġejjin biex dejjem isaltan il-ġid u l-progress u fuq kollox il-Barka t'Alla fuq l-Għargħurin.

VIVA l-GĦARGĦUR

Lino Wttinger.